

Paġna ewlenija > Kwistjonijiet tal-familja u wirt > **Sekwestru tat-tfal mill-ġenituri**

Sekwestru tat-tfal mill-ġenituri

Intom koppja internazzjonali bit-tfal u b'ħalissa tinsabu għaddejnin minn separazzjoni? Forsi tixtieq tmur lura pajjiżek u tiegħu lit-tfal tiegħek miegħek. Madankollu, jekk tagħmel hekk mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor jew tal-qorti, jaf tkun qed tikser il-liġi. Kun af x'inhu legali u x'tagħmel meta t-tfal tiegħek jiġu maħtufa mill-ġenitur l-ieħor.

Meta tfal jitneħħew illegalment minn Stat Membru, jew ikun qed jinżamm illegalment fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru fejn it-tfal kienu abitwalment residenti qabel il-ħtif, tapplika [l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980](#), kif ikkomplementata mill-Kapitoli III u IV tar-[Regolament Brussell IIb](#).

Ir-regoli tal-UE kif jgħinu biex jipprevjenu l-ħtif tat-tfal?

Il-qorti fil-pajjiż fejn it-tfal kellhom ir-residenza abitwali tagħhom qabel il-ħtif tibqa' responsabbli għal kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri, b'had-drittijiet ta' kustodja u ta' aċċess, sakemm il-każ ta' ħtif jiġi solvut. Dan isir biex jiġi evitat li l-ġenituri jaħtfu t-tfal tagħhom bit-tama li tinqatgħalhom sentenza aktar favorevoli quddiem il-qorti f'pajjiżhom stess.

Kif jista' ġenitur iġib lura t-tfal maħtufa?

[L-Awtoritajiet Ċentrali](#) jeżistu fil-pajjiżi kollha tal-UE biex jassistu lill-ġenituri li jkunu vittmi ta' ħtif transfruntier tat-tfal. Huwa possibbli li tinfetaħ proċedura għar-ritorn tat-tfal. F'dan il-każ, il-qorti trid tiddeċiedi dwar il-kwistjoni fi żmien sitt ġimgħat minn meta l-kawża tasal għandha. Il-qorti għandha tipprovdi lit-tfal li jkunu kapaċi jiffurmaw l-fehmiet tagħhom l-opportunità li jinstemgħu waqt il-proċedimenti.

Il-qorti fil-pajjiż fejn inħatfu t-tfal ttrifjuta li ttritorna t-tfal?

Il-qorti fil-pajjiż fejn inħatfu t-tfal tista' biss toġġezzjona għar-ritorn tat-tfal:

jekk ma kienx hemm tneħħija jew żamma illegali (l-Artikolu 3 tal-[Konvenzjoni tal-Aja tal-1980](#));

jekk il-ġenitur li tteħdulu t-tfal ma kienx effettivament qed jeżerċita d-drittijiet ta' kustodja tiegħu fil-mument tal-ħtif (l-Artikolu 13(1)(a) tal-[Konvenzjoni tal-Aja tal-1980](#));

jekk ikun hemm riskju serju li r-ritorn jesponi lit-tfal għal ħsara fiżika jew psikoloġika (l-Artikolu 13(1)(b) tal-[Konvenzjoni tal-Aja tal-1980](#)). Madankollu, ir-ritorn ma jistax jitwaqqaf jekk ikunu saru arranġamenti adegwati għall-protezzjoni tat-tfal. Jekk qorti ssib li t-tfal ma għandhomx jiġu rritornati, hija trid tikkuntattja lill-qorti fil-pajjiż minn fejn ikunu nħatfu t-tfal (l-Artikolu 27(3) tar-[Regolament Brussell IIb](#)).

jekk it-tfal joġġezzjonaw għar-ritorn (l-Artikolu 13(2) tal-[Konvenzjoni tal-Aja tal-1980](#));

jekk ir-ritorn ma jkunx permess mill-prinċipji fundamentali tal-Istat rikjest relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali (l-Artikolu 20 tal-[Konvenzjoni tal-Aja tal-1980](#)).

Il-qorti fil-pajjiż ta' fejn inħatfu t-tfal imbagħad tiddeċiedi fuq l-eżitu finali filwaqt li tqis l-evidenza u r-raġunament tal-qorti l-oħra. L-imħallef irid jisma' wkoll lit-tfal u liż-żewġ partijiet.


Id-deċiżjoni tal-qorti tkun awtomatikament eżegwibbli?

Id-deċiżjoni finali mill-qorti fil-pajjiż tal-orijini tiġi awtomatikament rikonnoxxuta u tkun eżegwibbli fil-pajjiż l-ieħor tal-UE mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ("*abolizzjoni tal-exequatur*"), dment li l-imħallef ikun ħareġ ċertifikat korrispondenti previst fir-[Regolament Brussell IIb](#).

Il-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-[Regolament Brussell IIb](#) tinsab f'din il-paġna: [Il-pubblikazzjonijiet tan-NĠE](#)

Links relatati:

[Sib l-Awtorità Ċentrali fil-pajjiż tal-UE tiegħek](#)

[Gwida tal-aħjar prattika](#)  (243 Kb) [en](#) - fiha informazzjoni dwar proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji nazzjonali li jikkonċernaw il-proċedura tar-ritorn tat-tfal.

Aqra l-fuljett

L-aħħar aġġornament: 14/06/2023

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.